MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 1911/2002

***Dr. Mario Demarco u Dr.Edward Saliba bhala prokuraturi specjali tas-socjeta' estera Radiosa s.p.a.,
Via dell'Industria 13, Roma, Italia***

***vs***

***R.A.B. Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi nomine s-somma ta' disa mija u tmienja u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm938.41) rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur nomine, l-avukat Dr. Edward Saliba li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi nomine s-somma ta' disa' mija u tmienja u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm938.41), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------